**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 09/16 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 |
| **Data** | 24/10/16 fis-06.20pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Skużata |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti u skużat fis-7.25pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Skużata |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| | Uffiċjal Eżekuttiv Angelo Caruana | |
| **.użata** | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Laura Caruana |

**09. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 08/16 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet | |
| 09. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 2 1 | 08.02.01 | Hales: *Roadmarkings* | Il-lista ta' xogħolijiet f'dan ir-rigward hi sostanzjali u qed jiġi stmat li dawn ikunu lesti sal-aħħar ta' Novembru 2016. | Hales |
| 09 2 2 | 08.02.07 | Chircop: parkegg fi Triq Gużeppina Curmi | Chirchop ġibed l-attenzjoni li dan għadu ma tneħħiex. Hales qal li dan ser jitneħħa. | Hales |
| ) 2 3 | 08.02.09 | | Illum irċivejna l-*frame* mill-Malta Records li ser jitwaħħal fil-*Customer Care Area.* | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 2 4 | 08.02.15 | Agius: Tilqima | It-Tilqima ser tingħata Fl-14 u l-15 ta' Novembru. Agius irrimarkat li sabet problemi fir rigward tal-persuni b'diżabbilita`. | Agius |
| 09 2 5 | 08.02.18 | Hales: *Traffic Management* - Triq is-Suq | Saret it-talba lil TM. | Hales |
| 09 2 6 | 08.02.22 | Hales: Tabella ħdejn l-*Skatepark* | Hales informa lill-Kunsill li din hija lesta. | Hales |
| 09 2 7 | 08.02.24 | Hales: għeluq tal-parti t'isfel ta' Triq Luqa Briffa | Hales informa lill-Kunsill li dan ġie mplimentat | Hales |
| 09 2 8 | 08.02.25 | Hales: *Traffic Management* - Triq il-Kastellan | Hales informa lill-Kunsill li dan ġie mplimentat | Hales |
| 09 2 9 | 08.03.05 | Hales: *Env. Health*: Problema tal-ħamiem selvaġġ | Bdiet l-eliminazzjoni kif rakkomandat mill-awtoritajiet regolatorji. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 2 | 10 | 08.03.08 | Claude Camilleri: *Refurbishing* tal-Librerija | L-Attivita` ser issir għada , nhar il- 25 t'Ottubru fil-11.00am fejn ser issir Inawgurazzjoni tar-*refurbishing* tal-Librerija. Is-Sindku staqsa għar-rapport ta' kemm issellfu kotba fl-ewwel sitt xhur, liema rapport ser jigi provdut minn Steve Borg. Camilleri rrimarka li tneħħew numru ta' kotba antiki kif ukoll ġew kwantita` ta' kotba ġodda, xkaffar ġdid (5 settijiet), TV 42 inch li ser jintuża għall*Story Telling* kif ukoll tapit ġdid *u cushions*. Għal din l-attivita ser tkun preżenti is-sinjura Michelle Muscat f'isem il-Fondazzjoni Marigold, l-Onor Stefan Buontempo min-naħa tal-Kunsilli Lokali. | Camilleri |
| 09 | 2 | 11 | 08.09.01 | Chircop: Bring-in site | Chircop staqsa dwar xi progress sar fil-Bring In Site fi Triq Toni Zahra. Gie spjegat li ser tiġi nstallata CCTV sabiex jitnaqqas l-abbuż | Hales |
| 09 | 2 | 12 | 08.10.04 | Caruana: Żejt iż-Żejtun | Caruana ġibed l-attenzjoni li għandhom jiġu rringrazzjati l-kunsilliera kollha filwaqt li l-Viċi-Sindku saħqet li hi ma tieħux ordnijiet minn kunsilliera. Is-Sindku qal li din hi attivita` tal-Kunsill kollu u meta ġiet mnieda Żejt iż-Żejtun, mhux il-Kunsilliera kollha kienu eletti fil-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li Agius kienet li daħlet għaliha fil-bidu u kienet il-persuna li kabbret l-attivita`. Kien hemm qbil li jittellgħu iktar affarijiet tal-Kunsill bħal *re-surfacing* fuq *Facebook* Agius irringrazzjat lil Chircop tal-attivitajiet li ttellgħu fuq Facebook. | Caruana |
| 09 | 2 | 13 | 08.10.06 | Hales: Sinjali ta' direzzjoni | Inbidlu t-38 tabella li kien hawn madwar il-lokal | Hales |
| 09 | 2 | 14 | 08.10.07 | Hales: Festa Madonna tal-Ħniena | Kull azzjoni neċessarja marbuta mall-inħawi ġiet attwata | Hales |
| 09 | 2 | 15 | 08.10.08 | Hales: Boroż tal-iskart miċ-Ċentru tal-*Kindergarten* | Ġiet miġbuda l-attenzjoni tal-assistenta *headteacher* li tieħu ħsieb it-tmexxija ta' dan iċ-ċentru sabiex il-ħruġ tal-iskart ikun skont ir-regoli stabbiliti. | Hales |
| 09 | 2 | 16 | 08.10.11 u 8.10.12 | Chircop: Wirjiet f' Żejt iż-Żejtun | Chirchop informa l-Kunsill li saru 2 vidjows li jikkumplimentaw dawn il-wirjiet, filwaqt li talab sabiex jinstabu fondi sabiex jerġgħu jiġu ppubblikati *Triqat iż-Żejtun* u xogħol fuq in-niċeċ | Sean |
| 09 | 2 | 17 | 08.10.14 | Caruana: : Sleeping policemen | Caruana qal li hemm bżonn li ssir *sleeping* policeman fi Triq Hector Dalli. Is-Sindku qal li t-toroq kollha li jagħtu għal Triq A. Cachia Zammit kollha għandhom bżonn iżda jekk isiru fi triq waħda trid timla l-lokal kollu. Is-Sindku rrimarka wkoll li għandhom isiru *stop signs* f'kull kantuniera. Hales qal li dawn qed isiru żona żona peress li hi problema taż-Żejtun kollu. It-toroq ta' wara l-Knisja tlestew. Sean Chircop staqsa kif ser tibqa l-posizzjoni ta' sleeping policeman fi Triq Felice Abela. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 2 | 18 | 08.10.14 | Hales: Sewqan eċċessiv fit-toroq tal-lokalita` | Dwar dan Hales qal li saret talba l-għassa taż-Żejtun | Hales |
| 09 | 2 | 19 | 08.10.15 | Caruana: Tabelli | Caruana staqsa meta se jsiru ż-żewġ t-tabelli taż- *zebra crossing* ħdejn il-Corinthians u oħra li tindika ' tfal jaqsmu t-triq' fejn Helmar Stationery. Hales qal li dawn ser isiru. | Hales |
| 09 | 2 | 20 | 08.10.17 | Hales: *Give Way* f'Misraħ il-Bjar | Hales irrimarka li mas-*central strip* fil-Misraħ imsemmi diġa hemm STOP *sign.* | Hales |
| 09 | 2 | 21 | 08.10.20 | Viċi-Sindku : Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rraportat li l-attivita` għal persuni b'diżabilita' saret fejn ġiet iċċelebrata quddiesa minn Mons. Emeritus Giuseppi Cremona. | Viċi-Sindku |
| 09 | 2 | 22 | 08.10.21 | Sindku: Attivitajiet | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li huma responsabbli mis-Sotto Kumitati sabiex jinfurmaw waqt il-laqgħa qabel ma ssir attivita` għall-approvazzjoni. | Kunsilliera |
| 09 | 2 | 23 | 08.10.3 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius ringrazzjat lis-Sindku, lill-Kunsilliera Chircop u Hales għall-għajnuna li taw sabiex kienet suċċess. Agius irrimarkat ukoll li l-Maratona kienet suċċess għalkemm kienet organizzata għall-ewwel darba. Ħadu sehem ħafna Żwieten. Informat ukoll li Josianne Attard Pulis ġiet fit-tielet post fil-maratona li saret Venezja u li għandna nifirħulha bħala Żejtunija. | Agius |
| 09 | 2 | 24 | | Sindku | Is-Sindku feraħ lil Agius li ġiet ppremjata bil-premju 'B'Ħilti Wasalt'. | Sindku |
| 09 | 2 | 25 | | Sindku: *Financial Statement* | Is-Sindku ppreżenta il-*Financial statement* tal-*Manuċċa CDCC* imħejji mill-accountant Aldo Zammit bi żbilanċ annwali ta' €3,000 peress li l-Gvern Ċentrali ħallas f'Jannar. | Sindku |

**09 3 Korrispondenza**

.unsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | 01 | Planning Authority: | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA li, għandu jinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 09 | 3 | 2 | 04 | Dipartiment għall-Gvern Lokali - Proġetti Kapitali | Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu finanzjament ta' Ewro 50,000 għal dan il proġett, fejn ippropna li għandhom jinbidlu l-bandli u jiġu rranġati l-ħitan tal-madwar . Il-Viċi Sindku pproponiet li ssir bandla għal persuni b'diżabbilita`. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm post, din issir. Intqal ukoll li l-bandli ta' Ġnien Qawsalla jinsabu fi stat diżastru. | Sindku |
| 09 | 3 | 3 | 15 | Moviment Kerygma - Premju Żagħżugħ tas-sena 2016 | **Chircop se jkun inkarigat biex jiġi nnominat ż-żagħżugħ/a għal dan il-premju** | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 4 | 18 | Carmelo Galea and Associates - Gasan Mamo u Thomas Smith - Inċident fi Triq Kantur | Il-Kunsill Lokali qabel li jħallas għad-danni peress li ma kinx hemm tabella *no right-turn*. | Segretarjat |
| 09 | 3 | 5 | 23 | Caroline Schembri - Ittra ta' riżenja | **Il-Kunsill innota r-riżenja tal-impjegata s-Sinjura Caroline Schembri. Is-Sur Angelo Caruana ser jimla dan il-post vakanti.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 6 | 24 | Ombudsman - complaint ta' Gaetano Desira | Wara li saret spezzjoni, il-Kunsill Lokali qabel li dawn għandhom isiru. | Sindku |

**09. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 4 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 09 | 4 | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/16 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju |
| 09 | 4 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 09 | 4 | 4 | | Petty Cash - Settembru 2016 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €147.83 | Segretarju |

**09. 5. Resurfacing ta' toroq: Triq Kanonku de Domenico, Triq A Cachia Zammit**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 5 | 1 | | Is-Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta li x-Xogħol fi Triq il-Kan. Degiovani miexi Illum sar l-*iscarifying* tal-parking li ser issir bil-konkos biex wara jsir il-wiċċ fejn il-katusi tal-GO għaddejjien minn ġol-kurduna. . Hemm probabilita` li Triq Dun Spir Grixti ssir ukoll b'din it-tip ta' kurduna. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill mhux ser ikollu spejjeż addizzjonali. | Sindku |
| 09. | 5 | 2 | | Is-Sindku: Jirraporta | Dwar Triq Cachia Zammit, is-Sindku nforma l-Kunsill li t-tender ingħata biex isir x-xogħol ta' drenaġġ u ilma izda kien hemm kuntrattur li għamel protest. Il-Bord ma taħx raġun u fi żmien xahar dan jista` jagħmel appell fil-Qorti, għaldaqstan il-Kunsill għad m'għandux data definittiva meta din it-triq ser tibeda. | Sindku |
| 09. | 5 | 3 | | Is-Sindku jirraporta | Is-Sindku nforma l-Kunsill li għadna qed nirsistu fuq ir-resurfacing fuq Triq Bormla. Hales talab li ssir laqgħa mal-Ministru Mizzi dwar dan. | Sindku |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5 4 | | Hales: Jirraporta | Hales informa lil Kunsill li ser jitlob stima mingħand is-Silvar għaż-*zebra crossings* sabiex jiġu aċċessibli għal persuni b' diżabilita` | Hales |
| **09. 6.** | | **Road Markings** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku talab sabiex isiru r-*road markings* ta' Triq il-President Anton Buttigieg | Hales |
| **09. 7.** | | **Kuntratti: Tindif ta' Toroq u Latrini, Ġonna Pubbliċi u Soft Areas** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntratti wasslu biex jagħlqu fl-aħħar tas-sena. Hales talab li dawn jiġu estiżi bi 3 xhur biex isiru d-dokumenti neċċessarji. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi-Sindku talbet li jinġiebu iktar nies bil-*Community Workers Scheme* sabiex jagħmlu xogħol ta' knis. Is-Sindku spjega li dan ma jistax isir peress li hemm kuntratt eżistenti mal-kuntrattur. | Sindku |
| **09 8** | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09 8 1 | | Hales: Proponent | Hales ippropona li għandha ssir kontribuzzjoni lill l-student Andre Mifsud għal xogħol fuq il-*files* li sar matul is-Sajf. Chircop ippropona li l-ħlas ikun ta' €500, sekondat minn Camilleri. Viċi-Sindku qalet li meta staqsiet jistax jidħol *Summer worker* xi snin ilu, ir-risposta kienet fin-negattiv. | |
| 09 8 2 | | Hales: Ħal Tmin | **Hales talab lil Kunsill jikkonsidra li Dawret Ħal Tmin ssir *one way*. Il-Viċi-Sindku talbet li għandha tittieħed l-opinjoni tar-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament.** | |
| 09 8 3 | | Hales: Triq Gwiedi | Hales ippropona li triq Gwiedi issir No Entry ħlief għal un/loading minn naħa ta' Triq l-Ispirtu s-Santu. Il-Kunsill qabel unanimament. | |
| 09 8 4 | | Hales: *Street furniture* | **Il-*crash barriers* għandhom isiru mill-Kunsil Lokali pero min jixtieq iwaħħal mirja irid iġib il-permess tal-Kunsill u jħallas l-ispejjes hu.** | |
| 09 8 5 | | Hales: Triq il-Kunċizzjoni u Triq San Franġisk | Talab li dawn isiru pedonali, *no entry* miż-żewġ naħat. | |
| 09 8 6 | | Hales: Triq il-Kastellan | Talab li jsir tindif tal-art tal-knisja li għaddiet għand il-Gvern u għadha ma tistax tiġi żviluppata, sabiex tintuża b'mod temporanju minn Ċanċu Supreme Travel | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 8 | 7 | | Camilleri: Proponent | Li jsiru 2 settijiet ta' 8 lezzjonijiet tal-privat. Din ġiet sekondata minn Agius. | |
| 09 | 8 | 8 | | Hales: Proponent | Hales ippropona li *z-zebra crossing* mhux approvata quddiem il-Gold Lady fi Triq Bir id-Deheb, tiġi rtirata l-ġewwa. Il-Kunsill qabel li jneħħija. Is-Sindku talab li jiġu nfurmati r-residenti. | |
| **09.** | **10.** | | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 10 | 1 | | Hales: Party tal-Milied | Hales ippropona li l-party tal-Milied għandu jsir il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill qabel ma din id-data. | Segretajru Eżekuttiv |
| 09 | 10 | 2 | | Chircop: Attivita tal-*Halloween* | Chircop informa lill-Kunsill li ser issir l-attivita bejn it- 30 u l-31 ta' Ottubru fejn ser jinġabru preserves għall-Ursolini. | |
| 09 | 10 | 3 | | Chircop: ZOEY | Bejn is-16 u s-17 ta' Novembru ser ikunu qed jieħdu sehem fil-fiera tal-*Higher Secondary.* | Chircop |
| 09 | 10 | 4 | | Chircop: Kunċert fuq l-Orgni | Ser jittella l-Kunċert fuq l-Orgni mill-Organista joe Caruana u se jkun hemm spejjeż ta' €500. | Chircop |
| 09 | 10 | 5 | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop informa lill-Kunsill li fit-30 ta' Diċembru ser isir il-Kunċert Annwali tal-Milied mill-Voca Choir. | Chircop |
| 09 | 10 | 6 | | Chircop: Trofew bandist tas-Sena | Chircop informa l-Kunsill li għaddejjien t-tħejjijiet għat-Trofew bandist tas-Sena. | Chircop |
| 09 | 10 | 7 | | Chircop: kompetizzjoni tal-Milied | Chircop qal li ser terġa ssir il-Kompetizzjoni Tiżjin tal-Milied. | Chircop |
| 09 | 10 | 8 | | Chircop: Bring In sites | Chircop staqsa x'inhu jiġri mill-Bring In Sites li qed jonqsu. Is-Sindku qal li dawn ser jiġu mixtrija. | Chircop |
| 09 | 10 | 9 | | Agius: Greenpak | Agius informat lill-Kunsill li t-tqassim tal-boroż ser isir biss matul Jannar u Ġunju. Talbet li għandna niktbu lil *Greenpak* biex naraw x'se jiġri sal-aħħar tas-sena. | Agius |
| 09 | 10 | 10 | | Agius: Kids Club | Agius informat lill-Kunsill li ser issir l-attivita` tal-*Halloween* il-Kids Club fit-30 ta' Novembru bejn is-2.30pm u l-4.30pm | Agius |
| 09 | 10 | 11 | | Agius: Ħarġa għall-familja | Agius informat lill-Kunsill li ser issir ħarġa għall-familja Ta' Qali fl-1 ta' Novembru. | Agius |
| 09 | 10 | 12 | | Agius: Pantomima | Agius informat lill-Kunsill li ser titella Pantomima bl-isem ta' *Cindirella and the Seven Smurfs* fis-Sala Ġużeppina Curmi fis-27 u 28 ta' Diċembru. Biljetti €2.50. | Agius |
| 09 | 10 | 13 | | Agius: *Christmas Party* | Agius informat lill-Kunsill li ser isir *Christmas Party* fit- 30 ta' Diċembru, biljetti €5.00 | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 10 | 14 | Agius: Żjara lill-President | Agius informat lill-Kunsill li ser issir żjara lill-President f'Jum it-Tfal fl-20 ta' Novembru | Agius |
| 09 | 10 | 15 | Camilleri: ECDL | Camilleri informa lill-Kunsill li m'għandu l-ebda spejjeż għal dan il-kors. | Camilleri |
| 09 | 10 | 16 | Camilleri: Bankina fi Triq Ġużeppina Curmi | Camilleri talab li ssir tiswija tal-bankina fi Triq Ġużeppina Curmi li din ġiet approvata. | Sindku |
| 09 | 10 | 17 | Camilleri: Zebra Crossing Triq San Girgor | Camilleri ġibed l-attenzjoni li z-zebra crossing li tinsab fi Triq San Girgor mhiex aċċessibli. Hales qal li dawn se jiġu irranġati kollha biex ikunu aċċessibli. | Hales |
| 09 | 10 | 18 | Camilleri: *Traffic management* | Camilleri talab li jsir traffi management fejn St Catherine's Pharmacy. Hales qal li se jsir *re-freshing* ta' li kien hemm. Rigward iz-*zebra crossing* għandu jsir meeting ma' TM. | Hales |
| 09 | 10 | 19 | Camilleri: ZZ16 | Camilleri għadda suġġeriment li t-*train* ma tgħaddiex minn toroq mudlama u tiżdied l-informazzjoni dwar iż-Żejtun. | Agius |
| 09 | 10 | 20 | Agius: Weekend Break | Agius informat lill-Kunsill li ser isir l-*weekend break* fit-30 u 31 ta' Novembru. | Agius |
| 09 | 10 | 21 | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-possibilita li ssir *zebra crossing* pero Hales qal li hemmhekk l-aħjar isiru l-*pelican lights*. | Hales |
| 09 | 10 | 22 | Viċi-Sindku: *Sleeping policeman* Triq Felice Abela | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-possibilita li ssir *sleeping policeman* fi Triq Feflice Abela. | Hales |
| 09 | 10 | 23 | Viċi-Sindku: Triq Ħabel ix-Xgħir | Il-Viċi-Sindku staqsiet jistax isir wiċċ ġdid fi triq Ħabel ix-Xgħir. Is-Sindku qal li hemm bżonn il-finanzi biex dan ikun jista jiġi rranġat. Hemm bżonn ukoll li jiġu rranġati l-wires. | Sindku Camilleri |
| 09 | 10 | 24 | Viċi-Sindku: Rampa Misraħ Carlo Diacono | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar rampa li għandha bżonn issir f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |
| 09 | 10 | 25 | Viċi-Sindku: Triq Taltass | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta se ssir Triq Taltass. Is-Sindku qal li finanzi m'hemmx biex din issir. | Sindku |
| 09 | 10 | 26 | Viċi-Sindku: V2018 | Il-Viċi-Sindku avżat li l-Valletta 2018 fejn l-anzjani jitħalltu mat-tfal bdiet fit- 28 ta' Ottubru 2016. | Viċi-Sindku |
| 09 | 10 | 27 | Viċi-Sindku: *Parking* waqt Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-parkeġġ tas-Suq jistax jiġi utilizzat waqt Żejt iż-Żejtun b'risq il-Fondazzjoni Nazzareth. | Agius |
| 09 | 10 | 28 | Viċi-Sindku: *One Way* Triq Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-*one way* ta' Triq Luqa Briffa peress li hemm problema ta' persuna fi Triq Santa Luċija minħabba t-tfal tal-iskola. | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid- 9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |